# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2087

**tat-18 ta' Novembru 2015**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15 tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Lulju 2011 l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) adottat ir-Riżoluzzjoni MEPC.201(62) li temenda l-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-iskart mill-bastimenti, billi introduċiet kategorizzazzjoni ġdida u aktar dettaljata tal-iskart ([2]). L-Anness V emendat tal-Konvenzjoni tal-MARPOL daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

(2) Din il-kategorizzazzjoni ġdida tal-iskart hija riflessa fiċ-Ċirkulari MEPC.1/Circ.644/Rev.1 tal-OMI, li tipprovdi format standard ta' formula għan-notifika avvanzata għat-twassil ta' skart fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet ([3]), kif ukoll fiċ-Ċirkulari MEPC.1/Circ.645/Rev.1 tal-OMI, li tipprovdi format standard ta' formula tal-irċevuta tat-twassil ta' skart wara l-użu minn bastiment tal-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet ([4]).

(3) Fl-interess tal-konsistenza mal-miżuri tal-OMI u sabiex tiġi evitata l-inċertezza fost l-utenti u l-awtoritajiet tal-portijiet, it-tabella inkluża fl-Anness II tad-Direttiva 2000/59/KE, li tinkludi t-tipi u l-ammonti differenti ta' skart u l-fdalijiet mill-merkanzija li jridu jiġu kkonsenjati jew miżmuma abbord, għandha tiġi adattata għall-kategorizzazzjoni l-ġdida tal-iskart tal-Anness V emendat tal-Konvenzjoni MARPOL.

(4) Barra minn hekk, sabiex tittejjeb is-sistema stabbilita bid-Direttiva 2000/59/KE, li għandha l-għan li tnaqqas ir-rilaxxi ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u fdalijiet tal-merkanzija fil-baħar, fit-tabella tal-Anness II għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar it-tipi u l-kwantitajiet ta' skart iġġenerat mill-bastimenti li realment jitwassal fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fl-aħħar port ta' konsenja.

(5) Id-dejta preċiża dwar it-tipi u l-ammonti ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u l-fdalijiet mill-merkanzija kkonsenjati minn bastiment fl-aħħar port hija essenzjali għall-kalkolu eżatt tal-kapaċità suffiċjenti ta' ħażna ddedikata abbord dak il-bastiment. Il-kalkolu ta' kapaċità suffiċjenti ta' ħażna huwa prerekwiżit biex il-bastiment jitħalla jipproċedi lejn il-port sussegwenti mingħajr ma jkun ikkonsenja l-iskart tiegħu ġġenerat mill-bastiment, kif ukoll għall-għażla tajba tal-bastimenti li se jkunu jiġu spezzjonati. Spezzjonijiet immirati aħjar se jikkontribwixxu għall-operazzjoni effettiva tat-traffiku marittimu, billi jitnaqqas il-ħin li bastiment jagħmel fil-port.

(6) Din l-informazzjoni tista' tkun disponibbli mill-irċevuti tal-iskart maħruġa abbażi taċ-Ċirkulari MEPC.1/Circ.645/Rev.1 tal-OMI, li tirrakkomanda il-format standard tal-irċevuta tat-twassil tal-iskart, jew tipi oħra ta' irċevuti maħruġa lill-kaptan tal-bastiment hekk kif jitwassal l-iskart. L-ammonti u t-tipi ta' skart indikati fl-irċevuta tal-iskart jew kif iddikkjarati mill-kaptan tal-bastiment mal-wasla f'każ li li ma tkunx tista' tinkiseb irċevuta tal-iskart ġeneralment huma aktar preċiżi minn dawk disponibbli mill-formula tan-notifika tal-iskart, peress li għandhom

([1]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81.
([2]) Ir-riżoluzzjoni MEPC.201(62) adottata fil-15 ta' Lulju 2011, l-Emendi tal-Anness tal-Protokoll tal-1978 b'rabta mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti tal-1973
([3]) MEPC.1/Circ.644/Rev.1, l-1 ta' Lulju 2013
([4]) MEPC.1/Circ.645/Rev.1, l-1 ta' Lulju 2013

jirriflettu s-sitwazzjoni reali wara t-twassil u għaldaqstant jagħtu aktar affidabbiltà fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-kaptan tal-bastiment jirreġistra tali informazzjoni dwar it-twassil fir-Reġistru tal-Iskart kif rikjest mill-Konvenzjoni MARPOL.

(7) Il-ġbir sistematiku ta' dejta preċiża dwar it-twassil tal-iskart jippermetti wkoll analiżi statistika aħjar tax-xejriet tal-flussi tal-iskart fil-portijiet u jħaffef l-istabbiliment tas-sistema ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ prevista fl-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2000/59/KE. Il-monitoraġġ u l-iskambju ta' tali informazzjoni, inkluż in-notifika dwar l-iskart elettroniku żviluppata skont id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), bħalissa huma appoġġati mis-sistema ta' skambju ta' informazzjoni marittima tal-Unjoni (SafeSeaNet), stabbilita bid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li għandha tintrabat ma' modulu ta' rappurtar fil-bażi tad-dejta tal-Kontroll mill-Istat tal-Port ([3]) stabbilita skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(8) L-Anness II tad-Direttiva 2000/59/KE għandu jiġi emendat biex jinkludi l-informazzjoni dwar il-konsenja tal-iskart fil-port preċedenti u biex jinkorpora l-kategorizzazzjoni l-ġdida tal-iskart introdotta bl-Anness V emendat tal-MARPOL.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness ta' din id-Direttiva jieħu post l-Anness II tad-Direttiva 2000/59/KE.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mid-9 ta' Diċembru 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza mill-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeterminaw kif issir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

([1]) Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).
([2]) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).
([3]) Il-bażi tad-dejta żviluppata u mħaddma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima.
([4]) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI NNOTIFIKATA QABEL ID-DĦUL FIL-PORT TA'** .....

*(Port tad-destinazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/59/KE)*

1. L-isem, is-sinjal tas-sejħa u, meta meħtieġ, in-numru ta' identifikazzjoni OMI tal-bastiment:

2. L-Istat tal-Bandiera:

3. Il-ħin stmat tal-wasla (ETA):

4. Il-ħin stmat tat-tluq (ETD):

5. Il-port ta' żjara preċedenti:

6. Il-port ta' żjara sussegwenti:

7. L-aħħar port u d-data meta twassal skart iġġenerat mill-bastiment, inklużi l-kwantitajiet (f'$m^3$) u t-tipi ta' skart li twasslu:

8. Int qiegħed twassal: (immarka l-kaxxa t-tajba):

   l-iskart kollu ☐ parti mill-iskart ☐ l-ebda parti mill-iskart ☐

   f'faċilitajiet tal-akkoljenza fil-port?

9. Tip u ammont ta' skart u fdalijiet li se jitwasslu u/jew li se jibqgħu abbord, u l-perċentwali tal-kapaċità massima ta' ħażna:

*Jekk se twassal l-iskart kollu, imla t-tieni u l-aħħar kolonna. Jekk se twassal parti mill-iskart jew l-ebda parti mill-iskart, imla l-kolonni kollha.*

| Tip | Skart għat-twassil ($m^3$) | Kapaċità ta' ħażna massima dedikata ($m^3$) | Ammont ta' skart li nżamm abbord ($m^3$) | Port fejn se jitwassal l-iskart li fadal | Ammont stmat ta' skart iġġenerat bejn in-notifika u l-port ta' żjara sussegwenti ($m^3$) | Skart li jkun wasal fl-aħħar port tat-twassil identifikat taħt il-punt 7 hawn fuq ($m^3$) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Żjut għar-rimi** | | | | | | |
| Ilma żejtni tas-sentina | | | | | | |
| Fdalijiet żejtnin (ħama) | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | |
| **Drenaġġ** [1] | | | | | | |
| **Skart** | | | | | | |
| Plastiks | | | | | | |
| Skart tal-ikel | | | | | | |
| Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, fliexken, kina u ċaqquf, eċċ.) | | | | | | |
| Żejt tat-tisjir | | | | | | |
| Irmied tal-inċinerazzjoni | | | | | | |

| Tip | Skart għat-twassil ($m^3$) | Kapaċità ta' ħażna massima dedikata ($m^3$) | Ammont ta' skart li nżamm abbord ($m^3$) | Port fejn se jitwassal l-iskart li fadal | Ammont stmat ta' skart iġġenerat bejn in-notifika u l-port ta' żjara sussegwenti ($m^3$) | Skart li jkun wasal fl-aħħar port tat-twassil identifikat taħt il-punt 7 hawn fuq ($m^3$) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Skart operattiv | | | | | | |
| Karkass(a/i) tal-annimali | | | | | | |
| **Fdalijiet tal-merkanzija** (2) (speċifika) (3) | | | | | | |

(1) Id-drenaġġ jista' jintrema fil-baħar f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament 11 tal-Marpol. Ma hemmx il-ħtieġa li l-kaxxi korrispondenti jimtlew jekk il-ħsieb huwa li jsir rimi awtorizzat fil-baħar.
(2) Jistgħu jkunu stimi.
(3) Fdalijiet mill-merkanzija għandhom jiġu speċifikati u kkategorizzati skont l-Annessi rilevanti tal-Marpol, b'mod partikolari l-Annessi I, II u V tal-Marpol.

*Noti*

1. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-kontroll mill-Istat tal-portijiet u għal skopijiet oħrajn ta' spezzjoni.

2. L-Istati Membri se jiddeterminaw liema korpi se jirċievu kopji ta' din in-notifika.

3. Din il-formola għandha timtela sakemm il-bastiment ma jkunx kopert b'eżenzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/59/KE.

Nikkonferma li:

— id-dettalji ta' hawn fuq huma preċiżi u tajbin u

— li abbord hemm biżżejjed kapaċità ddedikata biex jinħażen l-iskart kollu ġġenerat minn meta ssir in-notifika sal-wasla fil-port sussegwenti li fih se jitwassal l-iskart.

Data .....

Ħin .....

Firma"